# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta 14 ta' Frar 2023

Kump. Numru 598/2016 YMS

**Il-Pulizija**

**[Spettur Josric Mifsud**
**Spettur Saviour Baldacchino]**

**vs**

**Aaron Steven Stewart Edward Ritchie**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi:

**Aaron Steven Stewart Edward Ritchie** bin Edgar u Jeanette xebba Rainer, imwieled il-Pietà nhar is-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u erbgha u tmenin (1984) u residenti 176, Triq Cospicua, Paola u detentur tal-karta tal-identità numru 77000L,

Akkuzat talli:

a. **Bejn nhar il-11 ta' Ottubru 2016, ghal habta ta' bejn id-disgha nieqes kwart u d-disgha ta' fil-ghaxija (20:45 – 21:00) waqt li kien Marsaskala, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioè serq minn gewwa fond 74 sitwat fi Triq tal-Buttar, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi fetah it-tieqa li taghti ghal fuq terrazin u dahal gewwa r-residenza liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volontà tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-hin.**

**F'kaz ta' htija din l-Onorabbli Qorti giet mitluba tittratta mal-Imputat bhala recediv u dan wara li naghta diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali [Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta].**

Rat in-nota bil-kunsens tal-Avukat Generali tal-11 ta' Novembru 2016 sabiex, ai termini tal-Artikolu 370 (4) tal-Kap. 9, il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja;[1]

Rat li sar l-ezami ta' l-Imputat fejn kien wiegeb li mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju 2018;[2] u li ma kellu oggezzjoni li l-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja.[3]

Rat il-verbal taghha tal-5 ta' Mejju 2022 u tal-21 ta' Gunju 2022, fejn inghalaq iz-zmien li jingiebu l-provi.

Rat li l-Imputat ghazel li ma jixhidx.
Rat l-atti kollha
Semghet lill-Partijiet jittrattaw il-kaz.
Rat;li l-kawza thalliet ghas-sentenza

[1] A fol. 20 tal-process
[2] A fol. 23
[3] A fol. 24

IKKUNSIDRAT:

Illi din il-kawza si tratta dwar attentat ta' serqa mill-fond 74 Triq tal-Buttar Marsascala, nhar il-11 ta' Ottubru 2016 ghall-habta ta' bejn id-disgha nieqsin kwar u d-disgha ta' fil-ghaxija (20:45 – 21:00).

Dan il-kaz gie ttrattat bi procedura sommarja. Il-Prosekuzzjoni ma pprezentat ebda prova dwar dan il-kaz ghajr l-istqarrija tal-Imputat. Waqt dawn il-proceduri l-Imputat kien wiegeb mhux hati tar-reat.

In vista ta' dan in-nuqqas ta' provi, din l-Onorabbli Qorti ma tistax issib htija fl-Imputat .

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Wara li rat l-Artikoli 263, 267 u 270 kif ukoll l-Artikoli 41 , 49, 59 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi Imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**